# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 16 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 2348/98**

**Numru 26**

**Brian Zammit**

**vs**

**Gourmand's Catering Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur s-somma ta' Lm700.00 (seba mitt lira Maltin) prezz ta' zewg mwejjed tal-billiards mibjugha u debitament konsenjati.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur, inkluz il-hlas ta' magazzinagg u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' Lm10 ghall-konsult u dawk tac-cedola ta' depositu prezentat mal-avviz, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta konvenuta li biha eccepiet (fol 5 tal-atti) illi hi mhijiex responsabbli ghall-hlas tas-somma ta‘ Lm700 (seba’ mitt lira Maltin), stante li hi qatt ma xtrat iz-zewg imwejjed tal-billiards, imma kienet biss krithom mal-bqija tal-lokal, liema kera giet dejjem imhallsa dovutament sat-terminu taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 24 u 28 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-istess atti, is-socjeta’ konvenuta qatt ma dehret quddiem din il-Qorti u lanqas ma ssottomettiet xi prova in sostenn tal-eccezzjoni proposta minnha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tal-attur, gew prodotti l-provi relattivi ghat-talba in esami permezz tal-procedura ta’ xhieda b’affidavit kif jidher a fol 12 u a fol 18 tal-istess atti.  Minn din ix-xhieda, jirrizulta li s-socjeta konvenuta

kienet xtrat l-imwejjed tal-"billiards" in kwistjoni minghand l-attur, bil-prezz komplessiv ta' Lm700, mill-liema prezz, ma kien thallas xejn.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm700 bl-imghax legali mill-4 ta' Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tac-cedola ta' depositu tal-4 ta' Dicembru, 1998, imsemmija fl-avviz kif ukoll Lm10 ghal konsult.

Alan Calleja
Deputat Registratur